**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 221/11VG**

**Graphic Web Press Limited**

**Vs**

**Zaffarese Exhibitions & Events Limited**

**Illum 5 ta' Dicembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Graphic Web Press Limited fis-7 ta' Lulju 2011 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Zaffarese Exhibitions & Events Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt elef hames mija sitta u disghin Euro u erbghin centezmu (€6,596.40) rapprezentanti somma ta' tlett hlasijiet li kellhom isiru minnha bejn il-31 ta' Marzu 2010 u l-31 ta' Lulju 2010, skond skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009, bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha fuq inkarigu taghha stess u li ghadha ma thallsitx, bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1862/11, kontra l-istess socjetà Zaffarese Exhibitions & Events Limited;

Rat id-dokumenti, ossia l-iskrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009 u l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1862/11, annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Zaffarese Exhibitions & Events Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra is-socjetà attrici, stante li: (i) skond il-ftehim ta' l-14 ta' Ottubru 2009, is-socjetà attrici kienet bieghet u ttrasferiet numru ta' oggetti fejn uhud minn dawn l-oggetti ma gewx ikkonsenjati lilha filwaqt li ohrajn gew konsenjati izda fi stat li ma jahdmux, u konsegwenza ta' dan ma tistax taghmel uzu mill-

oggetti mixtrija; u (ii) hija trid taghmel riparazzjonijiet sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu funzjonanti, liema ammont irid jigi likwidat u li hija ser iggib prova dwaru fil-kors tal-proceduri;

Semghet ix-xhieda ta' Tancred Cauchi moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012[1] u x-xhieda ta' Ray Agius moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012[2], semghet ix-xhieda ta' Benny Zaffarese moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Gunju 2012[3] u tad-9 ta' Ottubru 2012[4] u x-xhieda ta' Thomas Farrugia moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Gunju 2012[5] u tad-9 ta' Ottubru 2012[6];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €6,596.40 rapprezentanti somma ta' tlett hlasijiet li kellhom isiru minnha bejn il-31 ta' Marzu 2010 u l-31 ta' Lulju 2010 skond skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009, bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha fuq inkarigu taghha stess, liema somma baqghet ma thallsitx. Is-socjetà konvenuta teccepixxi li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex (i) skond il-ftehim ta' l-14 ta' Ottubru 2009, is-socjetà attrici kienet bieghet u ttrasferiet numru ta' oggetti fejn uhud minn dawn l-oggetti ma gewx ikkonsenjati lilha filwaqt li ohrajn gew konsenjati izda fi stat li ma jahdmux, u konsegwenza ta' dan ma tistax taghmel uzu mill-oggetti mixtrija; u (ii) hija trid taghmel riparazzjonijiet sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu funzjonanti, liema ammont irid jigi likwidat u li hija ser iggib prova dwaru fil-kors tal-proceduri.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà attrici kienet tikri minghand terzi fond sitwat fi Triq Settembru 1973, l-Imriehel, liema fond gie minnha vakat in kwantu ttrasferiet in-negozju taghha f'fond iehor. Mat-terminazzjoni tal-kirja is-socjetà attrici zammet tahditiet ma' sid il-fond rigward xi benefikati li kienet ghamlet tul il-kors tal-kirja u huwa ssugerhielha li tkellem lis-socjetà konvenuta li kienet l-inkwilin il-gdid ta' l-istess fond. Wara li r-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet iltaqghu u r-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta spezzjonaw il-benefikati li kienet ghamlet is-socjetà attrici, intlahaq ftehim bejniethom fis-sens li s-socjetà attrici tbiegh u tittrasferixxi lis-socjetà konvenuta *4 pine wood doors, all laid parquet flooring, all fixed gypsum walls, intruder alarm system inclusive of all cameras, PABX system,*

---

[1] Fol. 15 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 20 u 21 tal-process.
[3] Fol. 23 sa' 25 tal-process.
[4] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[5] Fol. 26 sa' 28 tal-process.
[6] Fol. 34 sa' 40 tal-process.

*telephone system* u *CCTV system* versu l-prezz komplessiv ta' €10,994, liema ammont kien jinkludi l-VAT[7]. Skond skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009[8], liema skrittura giet iffirmata biss mir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta, l-oggetti imsemmija kienu qed jigu mibjugha u trasferiti *as seen and inspected by the Purchaser Company and with no Warranty given or implied* u l-hlas ta' l-ammont komplessiv kellu jsiru f'hames pagamenti ta' €2,198.80 kull wiehed pagabbli fit-30 ta' Novembru 2009, fil-31 ta' Jannar 2010, fil-31 ta' Marzu 2010, fil-31 ta' Mejju 2010 u fil-31 ta' Lulju 2010 u soggett ghall-fatt li l-cameras jigu aggustati u li l-oggetti l-ohra kollha jkunu *in good working condition*. Bhala fatt is-socjetà konvenuta effettwat l-ewwel zewg pagamenti ta' €2,198-il wiehed izda imbaghad ma effettwatx iktar pagamenti u meta giet interpellata ghall-hlas permezz ta' Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjetà konvenuta irribattiet bl-affermazzjoni li *r-rikorrenti huma hatja ta' ksur tal-ftehim ta' l-14 ta' Ottubru 2009 minhabba li l-imsemmi ftehim ma giex onorat u r-rikorrenti ghadhom inadempjenti fil-konfront ta' l-obbligi taghhom, b'konsegwenza li qeghdin jikkawzaw danni lill-intimati*[9].

Fir-rigward ta' l-allegata inadempjenza tas-socjetà attrici, Benny Zaffarese xehed illi *l-affarijiet* (li kienu ftehmu dwarhom iz-zewg socejtajiet) *kienu imnizzlin f'lista però meta gie biex johrog huwa, jiena ma kellix access ghall-post u ma stajtx immur nara. Il-kera però kienet ghadha ma bdietx tghoddli ghax din kienet tibda f'Novembru w allura kont immur nara x'inhu jsir bhala xoghol. Huwa qabbad bniedem biex jaqla' l-affarijiet u hafna affarijiet li ftehmt fuqhom baqa' ghaddej anki bl-affarijiet l-ohra. Lil Thomas Farrugia ghedtlu li qabel niffirma ssir nota fuq il-kuntratt li x-xoghol irid ikun tajjeb u in working condition. Huma qatt ma ffirmawh il-kuntratt taghhom u ahna konna lesti li nirriangaw maghhom. Kien hemm il-lock automatic nieqes, il-cameras ma kienux f'posthom, il-wires maqlughin, l-art bdiet tiela' u kien hemm hafna affarijiet. Lil Thomas Farrugia ghedtlu li qabel inkomplu ghaddejjin dawn l-affarijiet jigu rrangati. … Kien hemm hafna affarijiet ezempju l-cameras kollha mahlulin u mhux issettjati, il-wires taghhom ma jaqblux, il-programm parti minnu hadu lura, it-telefon qalghu u hadu mieghu, fis-sistema ma tistax tidhol ghax qala' kollox jigifieri mas-sistema li halla jiena kelli nibda naghmel l-affarijiet mill-gdid. Veru li forsi biex tirrangahom ma tridx eluf imma ma nistax inkun naf kemm ser titla' s-somma u jekk jahdimx; jiena l-importanti mhux kemm ser titla' s-somma imma li ghandi certu appart li jahdem imma dan l-apparat ma hadimx u ma hadimx kif suppost. … Jiena imbaghad ma stajtx noqghod nistenna u irrangajt xi ftit affarijiet fejn nista' jiena però minn dak iz-zmien 'l hawn ghalkemm ghamilna hafna xoghol ahna, l-apparat ghadu ma jahdimx*[10].

---

[7] Vide xhieda ta' Tancred Cauchi moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012, fol. 15 sa' 18 tal-process.
[8] Dok. "A" a fol. 2 tal-process.
[9] Dok. "B" fol. 3 u 4 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fol. 23 sa' 25 tal-process.

Thomas Farrugia, Direttur tas-socjetà konvenuta u l-persuna li attwalment innegozja mas-socjetà attrici, xehed illi *dan id-dokument* (ossia l-iskrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009) *juri l-ftehim li ghamilna biex niehdu over l-affarijiet li hallew huma fil-fond li ahna krejna. L-affarijiet li ma tawniex jahdmu ezempju l-cameras hallew hafna wires imdendlin u mhux iffukati fejn suppost juru, kien hemm lock ta' bieb li ghal xi raguni ma hallewhx hemmhekk huma u meta dhalna ahna ma sibniehx ghax qacctu s-section tal-bieb u jridu jsiru anki xi repairs fil-bieb u kien hemm anki l-parquet fl-art li beda jitla' b'xi elementi u xtaqna li dawn nirrangawhom qabel inkomplu.* Ghall-mistoqsija tal-Qorti *fil-fatt irrangawhom, x'ghamlu?* Thomas Farrugia irrisponda *baqghu qatt ma gew. Fuq il-cameras irrangajna ftit warajhom biex jiffukaw avolja ghadhom mhux 100% in corner. ... Il-lock ma ghamluhiex. ... Il-parquet l-istess haga, ghadu kif kien.* Ghall-mistoqsija *x'aktar lanjanzi kien hemm*? Thomas Farrugia rrisponda *bazikament dawk huma u l-ftehim kien li jigu jirrangawhom ukoll fil-fatt ghalhekk ghamilna dan id-dokument biex jigu irrangati l-affarijiet. Huma qas biss iffirmaw dan il-kuntratt u fil-fehma tieghi mhux qed jaccettaw li dawn il-affarijiet jirrangawhom*[11].

Il-Qorti tosserva li kemm Benny Zaffarese kif ukoll Thomas Farrugia, u b'mod partikolari Thomas Farrugia, jishqu fuq il-fatt li l-iskrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009 ma gietx iffirmata mis-socjetà attrici. In effetti in kontro-ezami Thomas Farrugia mill-gdid iddikjara li *però nixtieq nghid punt ghaliex ma nafx ghala dan il-kuntratt qatt ma gie ffirmat. ... Ghax jekk ma tiffirmax ma tkunx qed taccetta l-kuntratt*[12]. Bhala fatt u kif jirrizulta mill-istess skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009, esebita bhala Dok. "A" a fol.2 tal-process, is-socjetà attrici naqset milli tiffirma l-istess. Fir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *jekk skrittura privata ma tigix iffirmata minn idejn kull wiehed mill-partijiet jew ma tirrizultax l-awtentikazzjoni ta' xi firem kif trid il-ligi, din ma ghandha l-ebda validità legali. ... Skond Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XIX p 196) "l'atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano; non vi è dunque atto senza firma". Dan il-principju hu konkordanti fil-gurisprudenza taghna li rriteniet li l-iskrittura ghandha tkun iffirmata miz-zewg partijiet jew awtentikata kif trid il-ligi ghax diversament ikun hemm in-nullità tal-konvenzjoni.* Ciò nonostante però *dan fuq affermat ma ghandux ifisser illi ghalkemm mhux vinkolanti l-kontenut ta' l-iskrittura mhux kapaci li jircievi attenzjoni xierqa ghallanqas biex isostni, anke jekk marginalment, il-prova tan-negozjati jew trattativi bejn il-kontraenti, purchè dejjem li din l-istess prova tkun per se, u anke minghajr is-sostenn ta' l-iskrittura, wahda konvincenti u konklussiva*[13].

---

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, fol. 26 sa' 28 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, fol. 34 sa' 40 tal-process.
[13] Lilian Spiteri noe v. Anthony Sammut et, Citaz. Nru. 856/92 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003.

Ghad illi l-iskrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2009 ma gietx iffirmata mis-socjetà attrici, jibqa' l-fatt, del resto inkonestat bejn il-partijiet kontendenti, li is-socjetà attrici ftehmet mas-socjetà konvenuta, li accettat, li tbieghhla u tikkonsenjala numru ta' oggetti – ossia erba' bibien tal-pine, art tal-parquet, hitan tal-gypsum, alarm system bil-cameras inkluzi, PABX system u Sistema tat-telephone u sistema ta' CCTV – li hija kienet ghamlet bhala benefikati fil-fond originarjament mikri minnha w in segwitu mikri mis-socjetà konvenuta, versu l-prezz ta' €10,994. In effetti l-kwistjoni centrali tal-proceduri in ezami, fejn is-socjetà attrici qed tesigi l-hlas tas-somma bilancjali ta' €6,596.40, hija il-kontestazzjoni tas-socjetà konvenuta li l-oggetti mibjugha u konsenjati lilha ma gewx kollha effettivament konsenjati lilha u dawk konsenjati ma jahdmux kif suppost.

Tali kontestazzjoni però hija, fil-fehma tal-Qorti, fattwalment u guridikament insostenibbli.

Jibda biex jinghad li mill-lat ta' provi s-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tressaq prova sodisfacenti li l-oggetti mibjugha u konsenjati lilha mis-socjetà attrici, ossia l-benefikati li baqghu fil-post u li kienet qed thallas taghhom lill-istess socjetà, ma jahdmux jew huma f'kundizzjoni tali li ma jistghux jintuzaw. Lanqas ma ressqet prova sodisfacenti li l-oggetti jew uhud mill-oggetti mibjugha lilha ma gewx konsenjati, fis-sens li meta hadet pussess tal-fond ma kienux ghadhom iktar hemmhekk.

Ghalkemm Benny Zaffarese u Thomas Farrugia jishuq hafna dwar il-cameras li skonthom ma jahdmux kif suppost, jigi osservat li dak minnhom allegat gie kontradett minn Ray Agius, li ghandu negozju jismu Alarmtech tramite liema jaghmel xogholijiet ta' sigurtà u li kien il-persuna li pprovda w installa s-sistema ta' CCTV u Alarm in kwistjoni ghas-socjetà attrici. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, Ray Agius xehed illi *s-socjetà attrici darba kienu qabduni biex naghmlilhom xoghol ta' recording cameras, alarm u sistemi ohra ta' sigurtà. Ix-xoghol kien sar l-Imriehel u din kienet il-printing press tas-socjetà attrici. Il-cameras wahhalniehom ahna, ghaddejna l-cables, ghamilna l-connections u s-sistema giet installata, giet commissioned. Meta jien lestejt ix-xoghol kollox kien qed jahdem. Tul iz-zmien qatt ma rcevejt l-ebda lment li x-xoghol ma kienx kif suppost. Wara li telqet il-Graphic Web Press minn da nil-post fl-Imriehel, kien hemm kumpannija ohra li jekk jidhirli sew kienu Zaffarese u dawn gieli cemplu, imma kienu izjed xoghlijiet ta' maintenance milli affarijiet ohra.* In kontro-ezami Ray Agius xehed illi *nerga' nikkonferma li meta cemplu ta' Zaffarese, li kienu jcemplu lili, kienu jcemplu ghal routine maintenance. Il-calls kienu jkunu ghar-riparazzjonijiet, darba minnhom niftakar kienu cemplulna ghall-hsara li skond huma kellhom fit-tv recorder, meta imbaghad wasalna fuq il-post, sibna li kien mitfi. Ghalhekk qed nghid li l-calls kienu fil-maggor parti taghhom fil-kwistjoni ta' maintenance.* Dak affermat minn Ray Agius ma gie bl-ebda mod kontradett jew imxejjen mis-socjetà konvenuta u x-xhieda prodotti minnha, li

lanqas ressqu prova teknika ta' dak minnhom allegat dwar il-fatt li parti minn din is-sistema kienet u baqghet ma tahdimx.

In kwantu rigwarda l-ilmenti l-ohra, il-Qorti tosserva li s-socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova ulterjuri biex tikkorobora dak affermat minn Benny Zaffarese u Thomas Farrguia, prova li setghet facilment tigi prodotta fil-forma ta' ritratti ta' l-*automatic lock* nieqes mill-bieb u parti mill-bieb mqatugha kif ukoll tal-parquet li skonthom f'partijiet minnhom qed jitla' bl-elementi. Bl-istess mod, ghalkemm Benny Zaffarese u Thomas Farrugia entrambe jikkontendu li s-socjetà konvenuta inkorriet fi spejjez biex ghamlet certa xoghlijiet riparatorji fl-oggetti mibjugha u konsenjati lilha mis-socjetà attrici, baqghet ma tressqet l-ebda prova ta' tali allegati spejjez. Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-kredibilità ta' dak affermat mis-socjetà konvenuta jikkonsisti fid-diskrepanza bejn ix-xhieda moghtija minn Benny Zaffarese u Thomas Farrugia. Filwaqt li Benny Zaffarese jikkontendi li s-sistema tat-telephone li suppost inbieghet mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta ma gietx, jew ghall-inqas f'parti minnha ma gietx ikkonsenjata bil-konsegwenza li is-socjetà konvenuta kellha tinkorri fi spejjez biex ikollha sistema funzjonanti, stranament Thomas Farrugia - li jiehu hsieb id-*day to day administration* tas-socjetà konvenuta u kien direttament involut fin-negozju mas-socjetà attrici - ma jsemmi xejn fir-rigward u jghid li l-ilmenti tas-socjetà konvenuta huma biss fir-rigward tal-cameras, ta' l-automatic lock u tal-parquet. Jigi in oltre osservat li ghad illi s-socjetà konvenuta tenfasizza hafna li minhabba l-affarijiet mhux konsenjati kif suppost jew ma jahdmux kif suppost hija ma komplietx teffettwa hlasijiet lis-socjetà attrici, mix-xhieda ta' Benny Zaffarese u Thomas Farrugia jirrizulta li l-istess socjetà konvenuta baqghet topera mill-imsemmi fond minghajr ebda problemi u ma hassitx il-htiega li tirrikorri ghar-rimedji lilha disponibbli ai termini tal-Ligi *qua* kompratur. Is-socjetà konvenuta semplicement tillimita ruhha f'li tirrifjuta li thallas il-prezz bilancjali ta' l-oggetti mibjugha u konsenjati lilha mis-socjetà attrici u fl-istess hin maz-zmien baqghet taghmel uzu minn u/jew ta' l-inqas tgawdi dawn l-istess oggetti u l-fond fejn l-istess jinsabu installati.

Mill-aspett guridiku tal-kwistjoni ssir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pitrè v. Anthony Muscat, Citaz. Nru. 779/93** deciza fit-2 ta' Gunju 2005, in segwitu konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fil-25 ta' April 2008: *f'kaz ta' oggett sekonda man* (kif kienu l-oggetti mibjugha u konsenjati mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta) *ma tezisti ebda garanzija ghal xi difetti li jkun rizultat ta' wear and tear jew li jkunu konsegwenza ta' l-uzu ta' l-oggett. Il-Qorti, fl-istess sentenza, sahhet fuq l-obbligu tax-xerrej li jezmina il-kundizzjoni ta' l-oggett li jixtri, u li jippruvaha biex jara li, fil-mument tal-vendità, l-oggett mixtri kien funzjonabbli. ... Aktar minn dan, gie diversi drabi stabbilit mill-qrati taghna li kompratur li jixtri oggett li wara jiskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, filwaqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalità miftiehma jew bi hsara ghandu*

*diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bjegh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, però, irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu, u ma jistax jibqa' jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalità inferjuri jew hsara biss wara li jigi azzjonat ghall-hlas. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Attard v. Direttur ta' l-Edukazzjoni" deciza fl-4 ta' Novembru 1992, qalet li kompratur li jibqa' jzomm l-oggett wara li jinduna li l-istess oggett kien bil-hsara, irid xorta wahda jhallas il-prezz kollu ta' dak l-oggett. Dan il-principju gie enuncjat f'diversi kawzi ohra, fosthom "Borg v. Xuereb" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1989 u "Schembri v. Abela" deciza* [mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili] *fis-27 ta' Lulju 2000. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef v. Sullivan" osservat li jekk ix-xerrej izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalità pattwita, u jeccepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Busietta v. Borg Cardona" deciza fis-6 ta' Ottubru 2000, kienet osservat illi li wiehed izomm ghandu l-oggett in vendità mhux agir konsistenti ma' azzjoni intiza biex thassar dan il-bejgh. Fil-kawza "Buffa et v. Roger Satariano and Sons Ltd." deciza* [mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili] *fil-11 ta' Gunju 1997, intqal li f'kaz ta' hsara jew difett f'oggett mibjugh "ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni.*

Applikati dawn il-principji guridici ghall-kaz in ezami fejn, jirrizulta li minkejja l-allegati difetti u hsarat lamentati mis-socjetà konvenuta, li fi kwalunkwe kaz baqghu ma gewx sodisfacentement ippruvati, din xorta effettwat parti mill-hlas miftiehem u iktar minn hekk, baqghet taghmel uzu mill-oggetti u mill-fond bil-benefikati kif installati fih, jirrizulta bl-iktar mod car u lampanti li l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha filwaqt li t-talba tas-socjetà attrici timmerita akkoljiment fis-shih.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €6,596.40, bl-imghax legali dekoribbli mit-13 ta' Mejju 2011, id-data ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1862/11, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l- l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta 1862/11, jibqghu a karigu esklussiv tas-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**